**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**George Schembri**
**Francis Schembri**

Kaz Numru: 146/2014

Illum 17 ta' Novembru 2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati **George Schembri,** iben Joseph u Josephine nee' Zammit, imwieled fis-7 ta' Marzu 1966, residenti fil-fond numru 3, Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 9066(G) u **Francis Schembri,** iben Joseph u Josephine nee' Zammit, imwieled fl-1 ta' April 1961, residenti fil-fond numru 9, Flat 2, Triq Ulisse, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 16861(G), akkuzati talli:

Fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' NEPTUNE'S BAR AND RESTAURANT COMPANY LIMITED (C–38323) b'indirizz registrat NEPTUNE'S BAR AND RESTAURANT, Marina Street,

Marsalforn, Ghawdex u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta' sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu **pagi** ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2013 u l-10 ta' Awwissu 2013, fl-ammont ta' €1,816, naqsu li jhallsu l-**Overtime** ghall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2013 u l-10 ta' Awwisu 2013 ammontanti ghal €972, naqsu li jhallsu l-**Weekly Allowance** ammontanti ghal €27.96, naqsu li jhallsu l-**Bonus** ammontanti ghal €31.20 u naqsu li jhallsu l-**Vacation Leave** ammontanti ghal €81.68 li b'kollox jammontaw ghal elfejn, disa' mija u tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€2928.84) u li kienu dovuti lill-impjegata taghhom, u cioe' lil **Erika Saliba** u gie terminat fl-10 ta' Awwissu 2013;

Ghaldaqstant il-Qorti giet mitluba bir-rispett sabiex tordna lill-imputati ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452, tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003, kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallsu l-penali skont il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallsu lil **Erika Saliba** l-ammont ta' elfejn, disa' mija u tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€2928.84) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-fomm u bil-kitba tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat;**

Illi minn l-assjiem tal-provi jirrizulta illi Erica Saliba kienet impjegata fin-*Neptunes Bar and Restaurant*, restorant illi jigi operat formalment mill-kumpanija li ggib l-istess isem, bid-diretturi responsabbli huma Francis Schembri u George Schembri. Waqt dan il-process ma jirrizultax xi kuntratt illi kienet din il-kumpanija

illi impjegat lil kwerelanta. Izda dan ghaliex Erica Saliba kienet qeghda tithaddem klandestinament. Il-kwerelanta stess tammetti illi quddiemha qatt ma ssemmew kumpaniji izda tghid li hi dejjem ikkuntrattat ma' Francis Schembri, li huwa direttur tal-kumpanija.

Fis-smigh ta' din il-kawza gie allegat minn Francis Schembri illi jekk kien hemm xi impjieg dan kien ma' ibnu Roderick Schembri li skont hu dak iz-zmien kien imexxi n-negozju. Mix-xhieda ta' Roderick Schembri nnifsu jirrizulta illi hu minnu li sa certa punt dan kellu rwol ta' mghallem, izda johrog car illi dan kien impjegat ukoll u ma kien jikkmanda xejn u l-amministrazzjoni baqghet dejjem f'idejn Francis Schembri li kien hu li kien ihaddem u jhallas lill-haddiema. Dan jinsab konfermat ukoll mix-xhieda ta' impjegati ohra li kkonfermaw illi huma dejjem ikkuntrattaw u thallsu minn Francis Schembri.

Din il-Qorti hija konvinta illi l-verzjoni ta' Francis Schembri ma hijiex veritiera u temmen illi kien hu bhala direttur li haddem lil Erica Saliba. Ma jirrizultax illi Francis Schembri minkejja li jahdem bil-kumpanija qatt invoka lill-kumpanija fir-relazzjoni kuntrattwali ma Erica Saliba, relazzjoni li sa certa punt kienet wahda klandestina stante illi din kienet tithaddem minghajr ktieb tax-xoghol.

Il-Qorti tinnota li din hi prattika uzata f'diversi stabbilimenti f'Ghawdex, bl-argument li ma jsibux persuni biex jahdmu maghhom, imbaghad hemm ohrajn bla skruplu bhall-imputat direttur Francis Schembri li jisfruttaw mill-haddiema, juza u jarmi, kif sar fil-konfront tal-kwerelanta. Imbaghad jigi hawn u jargumenta li m'hemm l-ebda kuntratt, il-kumpanija ma mpjegatx lill-kwerelanta, u li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-impjieg taghha. Dan il-Qorti tqisu agir ta' misthija u inuman.

Il-Qorti taghmilha cara illi din il-klandestinita' ma ghandiex tkun ta' ostaklu jew skuza biex haddiem jithallas dak li jista' jkun dovut lilu.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Huwa koncess li Artikolu 46 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi li:

*"kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta' dik is- socjeta`, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali, titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat."*

L-artikolu 46 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jhalli l- ebda dubbju min ghandu jwiegeb f'sitwazzjonijiet bhal dawn meta jghid: *"Meta reat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjetà, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, kull persuna li fi zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficcjal iehor bhal dawk ta' dik is-socjetà, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali, titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat."*

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza "Il-**Pulizija versus George Barbaro Sant**" moghtija mill-Qorti fit-18 ta' Ottubru 2007 meta kienet qed tikkonsidra l-artikolu 13 tal-Kap 249 (provvediment ekwivalenti ghall-artikolu 46 tal-Kap 452 appena citat): *"Dan ifisser illi jekk il-Prosekuzzjoni tasal biex tipprova li sar reat mis-socjetà kummercjali li taghha l-appellant kien direttur fi zmien tal-kommissjoni tar-reati, ikun hemm prezunzjoni iuris tantum tal-htija tieghu wkoll individwali sakemm ma jippruvax almenu sal-grad tal-probabilità rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu u li jkun ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil tar-reat inkwistjoni."*

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha illi l-imputat Francis Schembri ma ippruvax lanqas sal-grad ta' probabilità rikjest mil-ligi li r-reat sar minghajr it-taghrif tieghu u li kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil tar-reat.

Il-Qorti se tillibera lid-direttur l-iehor George Schembri ghaliex ma rrizultax li kien imdahhal fl-amministrazzjoni tar-restorant ghalkemm huwa direttur fil-kumpanija *Neptunes Bar and Restaurant Company Limited.*

Dwar l-ammont dovut jirrizulta illi dan mhux kontradett. Dan huwa kkonfermat mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg. Minn dak li rrizulta mill-provi din il-Qorti jidrilha li l-hinijiet indikati ghandhom mis-sewwa.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 5, 45 u 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 8(1) tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, il-Qorti ssib lill-**imputat George Schembri fil-kwalita' tieghu ta' direttur kumpanija** ***Neptunes Bar and Restaurant Company Limited*** mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih, issib lill-**imputat Francis Schembri fil-kwalita' tieghu ta' direttur kumpanija** ***Neptunes Bar and Restaurant Company Limited*** hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tnax (12)-il xahar mil-lum u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah sabiex sa zmien tliet (3) xhur mil-lum ihallas lil Erika Saliba s-somma ta' elfejn, disa' mija u tmienja u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€ 2928.84).

Finalment il-Qorti, peress li jirrizulta li x-xhieda moghtija mill-hati Francis Schembri hija inveritjiera, tordna li kopja tat-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu flimkien mal-atti kollha ta' dan il-process, kif ukoll kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal dik l-azzjoni opportuna ai termini tal-Ligi.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**